MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 123/1998/1

**L-Avukat Dottor Lawrence Pullicino**

**Vs**

**RICHARD MUSCAT bhala Editur ta' l-istazzjon tar-radio "RADIO 101" u GORDON PISANI**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta:

Peress illi fil-Bullettin ta' l-Ahbarijiet ta' Radio 101 tal-12a.m. tat-22 ta' April , 1997, li kopja tat-traskrizzjoni tieghu hi hawn esebita bhala Dok.A., u l-kopja tat-tape

recording tieghu hi hawn esebita bhala Dok.B., il-konvenut Gordon Pisani bhala awtur u l-konvenut Richard Muscat bhala editur ta’ l-istess stazzjon tax-xandir tar-radjo, taw malafama lill-attur u attribwewlu f’atti inveredici u dizonoranti li jistghu jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku u huma ingurjuzi fil-konfront tieghu u anki ghax f’certi partijiet ir-rapport hu assolutament falz u bla bazi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoini tal-kawza;

Jghidu l-konvenuti, ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M’ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi l-imsemmi rapport imxandar mill-konvenut Gordon Pisani fuq l-istazzjon tar-radjo ‘’RADIO 101’’ fil-Bullettin ta’ l-Ahbarijiet tal-12 a.m. tat-22 ta’ April, 1997, (Dok.A u Dok.B) huma malafamanti fil-konfront ta’ l-attur, billi attribwielu fatti inveredici u dizonoranti u jesponieh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku u huwa ingurjuz fil-konfront tal-attur;

2. Ghaliex konsegwentament il-konvenuti bhala editur ta’ l-istazzjon u awtur tar-rapport imxandar, rispettivament, m’ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata bhala danni ghall-ingurja hekk minnu subita, ghat-tenur ta l-art. 28 tal-kap. 248 tal-ligijiet ta’ Malta, flimkien ma l-imghax legali mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol.3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Muscat u Pisani** a fol. 12 tal-process fejn eccepew:-

Illi x-xandira in kwistjoni mhix libelluza billi tikkonsisti f’fatti li l-esponenti ser jippruvaw il-verita’ taghom u f’kummenti li jammontaw ghall- “fair comment” permessi mill-Ligi, mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Punti mill-Bullettin ta’ l-ahbarijiet ta’ Radio 101 tal-12a.m. tat-22 ta’ April , 1997.**

- Li l-attur kien qed jinghata trattament privileggjat fil-habs kuntrarju ghall-prigunieri l-ohra.
- Mhux qed jinghalaq fic-cella bejn in-nofs siegha u s-saghtejn ta’ wara nofs in-nhar.
- Ic-cella tieghu qed tithalla miftuha meta jkun fiha.
- Qieghed jinzel fl-outside gate spiss fejn prigunieri mhux suppost jithallew jinzlu.
- Qieghed jithalla jaghmel zewg jew tlett contact visits fil-gimgha meta suppost ikollu wahda biss.
- Il-contact visits qed idumu aktar minn tlett kwarti kif suppost.
- Kien ikollu zjarat ghall-gharrieda meta suppost dawn jigu avzati qabel.
- Li kien attenda l-isptar ma zewg ufficjali ta’ li special response team meta suppost kellu jigi eskortat minn ufficjali tal-Mobile Squad u ma kienx immanettjat.
- Kien jithalla juza ufficcju u jcempel x’hin irid.
- Kien qed jaghmel xoghol ta’ konsulenza lill Gvern minn dan l-ufficcju, jaghti pariri lill Alfred Sant dwar il-bini ta’ habs gdid u dwar it-trasferiment ta’ prigunieri fl-Imtahleb.
- Fl-okkazzjoni tar-Rebha Laburista gawda minn mahfra meta f’kaz ta’ qtil mhux suppost jiehdu mahfra.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed joggezzjona ghal kliem “trattament privileggat fil-habs” u xehed li kellu jiehu passi bil-Qorti kontra l-konvenuti billi dina l-allegazzjoni qaletlu hafna nkwiet mal-prigunieri l-ohra li bdew jahsbu li hu kellu xi privileggi li huma m’ghandhomx.

Il-konvenuti eccepew li x-xandira in kwistjoni ma kienitx libelluza billi tikkonsisti f’fatti li huma kienu ser jippruvaw il-verita’ taghhom. Ghalhekk il-provi gew invertiti u l-kovenuti ressqu l-provi taghhom biex jipprovaw il-verita’ tal-fatti fuq dak allegat minnhom.

Ghalkemm xi xhieda prodotti mill-konvenuti xehdu li l-attur ma kienx jahdem meta hu kien il-habs, jirrizulta mill-provi li effettivament l-attur bil-permess tad-Direttur tal-Habs kien jaghmel xoghol fid-dog section u fl-inhawi tac-cimiterju fejn kien jaghmel xi xoghol manwali – isaqqi u jhawwel xi xtieli. Ta' da kien jircievi allowance bhal kull min ikun qed jahdem (ara xhieda ta' Eleno Galea, Stephen Zammit, Alfred Flattley. Simon Buttigieg).

Fil-Bullettin intqal li ma kienitx qed tinghalaq ic-cella ta' l-attur bejn in-nofs siegha u s-saghtejn ta' wara nofs in-nhar. Dwar dan l-attur xehed li dan ma garax fil-kaz tieghu biss imma kien hemm diversi inmates li kienu jahdmu u dina kienet koncessjoni ghal dawk li jahdmu. Dan gie konfermat minn PC 850 Simon Buttigieg li xehed li min kien jahdem, bejn il 12.30 p.m u s 2.00 pm ic-cella ma kienitx tinghalaq.

Id-Direttur tal-Habs Emanuel Cassar u l-Maggur Martin Schembri jsemmu okkazzjoni wahda fl- 4/1/1997 meta l-attur kien baqa' fl-ufficju ta' li Spettur Sandro Gatt wara t-8.30 p.m. meta suppost kien fic-cella mat 8.30.p.m. u kienet saret entry fil-ktieb tal-okkorrenza fuq dan il-kaz. Fuq dina l-okkazzjoni jidher li l-attur kien fl-ufficcju ta' li Spettur Gatt bil-konsapevolezza tieghu. Dwar jekk l-attur kienx ikun fic-cella fit- 8.30 p.m. xehdu Henry Glanville li qal li l-attur kien jidhol fic-cella xil 8:10 jew 8:15 p.m; J. Degabriele li qal li l-attur kien jidhol fic-cella bejn 8:15 u 8:30 pm; Victor Farrugia xehed li l-attur kien jidhol ghal habta tat 8:15 jew 8:20 u kull meta ccekkjah dejjem sabu gewwa. Peter Theuma qal l-istess haga. Anthony Mizzi qal li l-attur kien jirritorna fic-cella qabel it 8.30pm – bejn 8.00 u 8:15. u Michael Vella xehed li l-attur kien jidhol fic-cella fil-ghaxija bhal prigunieri l-ohrajn. Dawn ix-xhieda kollha kkonfermaw li l-hinijiet ta' l-attur kienu l-istess bhal tal-prigunieri l-ohra.

Intqal ukoll fil-Bulettin li l-attur kien qeghed jinzel fl-outside gate spiss fejn prigunieri mhux suppost jithallew jinzlu. L-attur xehed li hu kien ikun hemm ghax kien qed jaghmel

xoghol fejn l-outside gate tal-habs. Dan gie konfermat minn Stephen Zammit li xehed li lill attur kien jarah fl-inhawi tac-cimiterju jaghmel xi xoghol manwali – isaqqi u jhawwel xi xtieli.

Dwar contact visits intqal li l-attur kien qieghed jithalla jaghmel zewg jew tlett contact visits fil-gimgha meta suppost ikollu wahda biss. Dwar dana l-attur qal li l-prigunieri kollha kellhom minn ta' l-anqas tnejn u min kien jahdem seta' jiehu tlieta meta jitlob. Xehed fuq hekk PC 850 Simon Buttigieg, l-ufficjal responsabbili mill viziti kollha tal-prigunieri u li kien jawtorizzahom, li qal li peress illi l-attur kien jahdem kellu zewg contact visits. Hu kien jibbukkja l-granet maghhom u huma kienu jirrangaw. It-tielet vizta kienet extra imma dina setghet tinghata wkoll b'mod regolari sakemm l-inmate ikun qed jahdem u jkun ta' good behaviour. Emanuel Cassar ipprezenta dokument dwar il-viziti bejn Novembru 1997 u Dicembru 1998 imma ma pprezentax ir-records ta' qabel ma ha over hu li hu l-perjodu rilevanti ghall kawza cjoe meta x-xandira saret fit-22 ta' April 1997.

Intqal li l-contact visits ta' l-attur kienu qed idumu aktar minn tlett kwarti kif suppost (ara xhieda ta' Bertu Ellul). L-attur cahad dan u qal li kien idum tliet kwarti, gieli hames minuti aktar bhal ma jiehu haddiehor jew hames minuti anqas skond l-availability ta' l-imwejjed fejn joqghodu l-prigunieri waqt il-vizta. F'dan ir-rigward PC 850 Simon Buttigieg xehed li l-visti ta' l-attur kienu idumu 45 minuta sa siegha . Min jitlob extension kienu jaghtuh u spjega li meta prigunier ikun qed jahdem huma jaghtuh extension anke minghajr ma jidhlu fir-raguni ghaliex qed jitlobha. Dan gie konfermat mix-xhieda tal-Maggur Henry Glanville, Eleno Galea, Michael Vella, Joseph Degabriele u Anthony Mizzi.

Issemma wkoll li l-attur kien ikollu zjarat ghall-gharrieda meta suppost dawn jigu avzati qabel. L-attur spjega li meta xi hadd ried ikellmu l-awtoritajiet kienu jghidulu bih u kienu jaghtuh permess.

Il-konvenuti allegaw li l-attur kien attenda l-isptar ma zewg ufficjali ta' li special response team meta suppost kellu jigi eskortat minn ufficjali tal-Mobile Squad u ma kienx immanettjat. L-attur sostna li din ta' l-iskorta mhix xi haga li grat mieghu biss ghax l-SRT, meta ma jlahhqux il-vannijiet normali li jittrasportaw il-prigunieri, juzaw taghhom. Fuq dana PC 850 Simon Buttigieg qal li meta ma jkunx hemm skorta li jigu mid-distrett prigunier jigi eskortat mill SRT. PS 1211 Richard Zammit xehed li meta skorta ma kienitx tigi, kienu juzaw is-servizzi taghhom, bhal SRT u din kienet tigri ta' spiss.

Dwar l-immanettjar ta' l-attur, dan xehed li l-immanettjar hija fid-diskrezzjoni ta' l-iskorta u fejn ikollhom raguni ghaliex jimmanettjaw, jimmanettjaw u fejn ma jkollhomx ma jimmanettjawx. Dan issir ma kulhadd. PC 850 Simon Buttigieg xehed li l-manetti huma jaghtuhom lil kull ufficjal li jigi biex jaghmel l-iskorta u hi fid-diskrezzjoni ta' l-ufficjali li qed jiskortah jekk jimmanettjahx b'idejh il-quddiem jew wara jew xejn.

Il-konvenuti allegaw ukoll li l-attur kien jithalla juza ufficcju u jcempel x'hin irid. L-attur xehed li hu qatt ma kellu ebda ufficju ghalih fil-habs. Kien jiffrekwenta dan l-ufficju b'rispett personali fejn kien ikun hemm spettur, gwardjan u zewg surgenti. Hu kien baghat zewg faxes lill Avukat tieghu u ghamel telefonati ghall bzonn. Fuq dana xehed PC 850 S. Buttigieg li qal li l-attur kien inghata concession biex icempell mill-ufficju tieghu pero' ma kienx l-uniku wiehed. Hu kien responsabbli li jaghti dawn il-permessi u d-direttur. Id-direttur kien jaf li l-attur kien qed icempell mill-ufficcju tieghu. PS 1211 Richard Zammit ikkonferma li l-attur gieli mar l-ufficju tieghu jitkellem ma min kien ikun hemm. Bhal l-attur kienu jidhlu inmates ohra izda hadd ma kellu access ghal records jew files. L-attur gieli uza t-telefon bhal prigunieri ohra u kien icempell lill Avukat. Hu kien ikun dejjem prezenti meta l-attur icempel u t-telefonati kienu jkunu monitored.

Il-konvenuti jsemmu wkoll fil-Bulettin li l-attur kien qed jaghmel xoghol ta' konsulenza lill Gvern, jaghti pariri lill

Alfred Sant dwar il-bini ta’ habs gdid u dwar it-trasferiment ta’ prigunieri fl-Imtahleb. L-attur spjega li d-Direttur, Is-Sur Cordina kien talbu jaghtih l-opinjoni tieghu dwar il-bini li kien ser jintuza l-Imtahleb u tahilu. Lill Alfred Sant qatt ma tah pariri. Xehed fuq hekk Anthony Schembri assistant manager fil-habs li l-attur ma kellux x’jaqsam mal-procedura jekk inmate jibdiex programm ta’ riabilitazzjoni jew le u li ma kienx imdahhal fil-progett ta’ l-iskola ta’ l-Imtahleb u ma jafx li l-attur kellu x’jaqsam maghha. Dan gie konfermat minn PS 1211 u PC 850.

Illi mill-provi prodotti l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw il-veracita’ tal-fatti minnhom allegati li gew kontradetti kemm mill-attur kif ukoll mill-ufficjali li kienu jahdmu l-Habs. Kwantu ghall eccezzjoni tal-fair comment imressqa mill-konvenuti biex dina tirnexxi trid l-ewwel tissussisti l-prova tal-verita’ tal-fatti. Nonostante l-mankanza ta’ dina l-prova, il-Qorti tirrileva li l-kumment tal-konvenuti li l-attur kellu trattament privileggjat lanqas ma hu fair billi mhux bazat fuq fatti sostanzjalment korretti billi ma giex pruvat li t-trattament differenti ta’ l-attur f’certi cirkostanzi kien xi wiehed partikolari ghall attur u li f’cirkostanzi simili prigunieri ohra bhalu ma setghux jibbenefikaw mill-istess trattament. Dan ma kienx value judgement imma allegazzjoni ta’ fatt mhux korrett.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-attur kellu d-dritt li jitlob dikjarazzjoni bhala kontradizzjoni jew spjegazzjoni (art 21 Kap 248) il-Qorti tirrileva li l-konvenuti ma jistghux jippretendu illi jezimu ruhhom mir-responsabilita’ ghall-malafama minnhom kommessa sempliciment billi jippretendu illi l-attur seta’ dejjem kiteb lis-stazzjon tar-radio u jitlob li tigi mxandra rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, bl-ebda mod ma jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li l-persuna malafamata ghandha ghar-rizarciment tad-danni (ara sentenza Appell Onor. Perit C. Bughagiar vs Ray Bugeja noe 25/5/2001).

Illi skond Gately on Libel and Slander – {8th Edition pp 1105} “Failure to establish this defence (verita’ tal-fatti) at the trial may properly be taken in the aggravation of damages" (Ara wkoll l-proviso ghall artikolu 28 tal-Kap

248). Fil-kaz in ezami l-konvenuti ma rnexxilhomx jipprovaw il-verita' tal-fatti allegati minnhom ghalhekk dan ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti
u tikkundanna lill konvenut Muscat mitt lira Maltin (Lm100) u lill konvenut Pisani hames mitt lira Maltin (Lm500) li ghandhom jithallsu lill-attur bhala somma li qed tigi likwidata bhala danni ghall-ingurja minnu subita, a tenur ta' l-art. 28 tal-Kap. 248 tal-ligijiet ta' Malta,
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom flimkien ma l-imghax legali mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------